

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 63/2016****tat-18 ta' Marzu 2016****li temenda l-Protokoll 47 (dwar it-tneħħija tal-ostakoli tekniċi għall-kummerċ tal-inbid) tal-Ftehim ŻEE [2017/1893]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/596 tal-15 ta' April 2015 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 606/2009 fir-rigward taż-żieda fil-kontenut massimu totali tad-dijossidu tal-kubrit meta meħtieġ minħabba l-kundizzjonijiet tal-klima ⁽¹⁾ għandu jiddaħħal fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Din id-Deċiżjoni tirrigwarda l-leġislazzjoni dwar l-inbid. Il-leġislazzjoni dwar l-inbid ma tapplikax għal-Liechtenstein dment li l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fis-seba' paragrafu tal-introduzzjoni tal-Protokoll 47 tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.
- (3) Għalhekk, il-Protokoll 47 tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li jsegwi għandu jidded fil-punt 10 (Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 606/2009) fl-Appendiċi I tal-Protokoll 47 għall-Ftehim ŻEE:

“— **32015 R 0596:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/596 tal-15 ta' April 2015 (ĠU L 99, 16.4.2015, p. 21).”

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/596 bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-19 ta' Marzu 2016, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Marzu 2016.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Claude MAERTEN

⁽¹⁾ ĠU L 99, 16.4.2015, p. 21.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.